# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1188/97**

**Numru 27**

**Joseph Duca u martu Riccarda Duca**

**vs**

**Guido Agius Furniture Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltin (Lm218) dovuta mis-socjeta konvenuta lill-atturi u rapprezentanti fis-somma ta' Lm186 bhala kumpens miftiehem bejn il-partijiet fl-14 ta' Marzu, 1997 bhala dovut mis-socjeta konvenuta lill-atturi wara t-terminazzjoni da parti tas-socjeta konvenuta tal-impieg tal-attur mas-socjeta konvenuta li grat fit-22 ta' Jannar, 1997 u fis-somma ta' Lm32 bhala

bonus dovut mis-socjeta konvenuta lill-attur sad-data ta' terminazzjoni tal-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Marzu, 1997. Salv kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li bih eccepiet (fol 7 tal-atti):

1. Illi din il-Qorti mhiex kompetenti ratio matarie tisma u tiddieciedi dan il-kas peress illi gie trattat u miftiehem quddiem it-Tribunal Industrijali;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub lill-atturi huwa ghal kollox esagerat u ghalhekk l-konvenut ghandu jigi liberat minn kull osservanza ta' gudizzju.

3. Illi l-konvenut kien dejjem lest illi hallas l-ammont indikat u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li ssir din il-kawza u ghalhekk ma ghandux ibati l-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi fil-qasir il-provi prodotti f'dan il-kaz huma is-segwenti:

a. L-istess attur (fol 12 et seq tal-atti) spjega, anke permezz tad-dokumenti esebiti minnu (Fol 16 u 17 tal-atti) li kien intavola proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, in konnessjoni "mat-tkeccija tieghu mill-impieg (tieghu ta' mastudaxxa) allegata li hi ingusta".

In konnessjoni mal-istess vertenza, kien intlahaq ftehim kif verbalizzat a fol 16 (ara ukoll ix-xhieda ta' Edwin Spiteri a fol 23 tal-atti). Skond l-istess transazzjoni s-socjeta konvenuta kellha thallas lill-attur odjern is-somma ta' Lm186 imsemmija fl-avviz in esami u dan "bhala settlement finali u konklusiv fi zmien tlett gimghat ...." mill-14 ta' Marzu 1997. Effettivament, skond l-attur, din is-somma hekk miftehma ma kienetx thallset mis-socjeta konvenuta. Fl-istess verbal ta' transazzjoni, jissemma "cheque" ammontanti ghal Lm93.75,0 liema "cheque" pero hu irrilevanti ghal dan il-kaz. Inoltre l-import tieghu kien thallas mis-socjeta' attrici permezz ta' flus kontanti. Ulterjorment, l-atturi qed jitlobu l-hlas ta' Lm32 dovut lill-attur bhala "bonus pro rata" ghall-ahhar perijodu tal-impjieg tieghu mas-socjeta'

attrici. In rigward dan l-attur testwalment xehed "....... bonus huwa dovut lili awtomatikament. Ma jidhirliex li kelli nasal bi ftehim u nsemmi l-"bonus" quddiem it-Tribunal Industrijali".

b) Guido Agius f'isem is-socjeta konvenuta xehed (fol 11 u 34 et seq ibid) li, wara li spjega r-raguni tat-tkeccija tal-attur mill-impieg tieghu, kienet intlahqet transazzjoni bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, kif hawn fuq gja gie premess. Wara din it-transazzjoni, ix-xhud kien baghat "cheque" ammontanti ghal Lm93.75,0 sabiex jissostitwixxi dak originarjament mibghut minnu u li gie "referred to drawer" (ara fol 18 in fotokopja). Hu sostna li kif kien jircievi lura dan ic-"cheque" mhux onorat mill-Bank involut, "...... inhallas il-bilanc". Pero dan ma kienx avvera ruhu. Inoltre hu jsostni li t-transazzjoni quddiem l-istess Tribunal kienet tinkludi ukoll l-hlas ta' "bonus" ghal gimghatejn presumibilment fis-somma gja specifikata ta' Lm186. Jinghad illi fil-kontro esami hu xehed testwalment "Hu minnu li ttransigejna fuq il-kumpens u dan kellu jammonta ghal Lm186" u "Hu minnu li sat-22 ta' Jannar 1997 ma kontx hallast il-bonus ("pro rata") lill-attur".

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-fatti jirrizulta b'mod car is-segwenti:-

a) Din il-Qorti bhala t-Tribunal Ordinarju hi kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz kemm "ratione materiae" kemm "ratione valoris (ara l-artikolu valoris (ara l-artikoli 47 u 48 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u s-socjeta konvenuta ma spjegatx ir-"ratio" tal-ewwel eccezzjoni sottomessa minnha ossija xi ligi specjali li eskludiet espressament tali kompetenza.

b) Ma hemm ebda dubbju li l-ammont ta' Lm186 hu dovut minnufih lill-atturi a basi tat-transazzjoni li saret bejn il-partijiet involuta f'liema transazzjoni ma ssemmiet ebda kondizzjoni marbuta mal-istess pagament.

c) In rigward il-kwistjoni dwar is-Lm36 pretizi mill-istess attur bhala "bonus" "pro rata", Guido Agius iddikjara, fix-xhieda li l-konvenut ma kienx thallas dan il-beneficcju qabel ma gie terminat l-impieg tieghu. Inoltre mill-istess transazzjoni citata u li kienet tinvolvi tkeccija allegatament ingusta minn impieg, ma jidhirx li effettivament dan il-ftehim kien jkopri u jinkludi ukoll l-istess "bonus" dovut. In rigward dan ghandu jigi ritenut li, jekk irrinunzja ta' hlas ta' "bonus" hi, ghall-grazzja tal-argument, permessa mill-ligi "in materia" u f'kaz ta' transazzjoni bhal dik in esami jidher li hi legittima tali rinunzja trid tkun espressa u tirrizulta b'mod car u evidenti. Fil-kaz in esami dan ma jirrizultax mill-provi prodotti kif esposti u b'hekk l-atturi ghandhom jithallsu ukoll l-ammont ta' Lm36 bhala "bonus pro rata".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm218.00,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Marzu 1997. B'riserva "si et quatenus" ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.

Alan Calleja
Dep.Reg